


# Żomm l-influwenza tat-tjur **BARRA**

## IPPROTEĠI T-TJUR TIEGĦEK. IPPROTEĠI R-RAZZETT TIEGĦEK



### Kontroll tal-aċċess

- Aċċetta **lin-nies, il-vetturi, l-għodda u l-kaxxi** fir-razzett biss meta jkun meħtieġ.
- Applika miżuri ta' diżinfekzjoni fuq **kull persuna u kull ħaġa** li tiġi fir-razzett, speċjalment jekk dan l-aħħar tkun ġiet f'kuntatt ma' tjur, ma' ħmieġ tat-tjur jew ma' għasafar slavaġġ.
- Dejjem ilbes **ħwejjeġ** u **żraben nodfa** u **aħsel idejk** meta tidħol fir-razzett.



### Kollox ġewwa, kollox barra

- Daħħal **t-tjur tal-istess età** fl-istess ħin u **neħħihom flimkien** fi tmiem iċ-ċiklu tal-produzzjoni. Dan itejjeb l-effiċjenza tal-produzzjoni u jnaqqas iż-żjarat fir-razzett, u b'hekk jonqos ir-riskju li jiddaħħal mard fil-qatgħa.



### Tindifa sħiħa

- **Naddaf u ddiżinfetta regolarment il-faċilitajiet kollha**, speċjalment wara kull ċiklu ta' produzzjoni.
- Issepara b'mod ċar iż-żoni **“nodfa”** (f'kuntatt mal-annimali) u **“maħmuġin”** (f'kuntatt ma' partijiet esterni) tar-razzett.




### Għalf u ilma

- Tużax għalf li jista' jkun ġie espost għal **ħmieġ, demel jew umdità**.
- Dejjem aħżen l-għalf f'**kontenituri magħluqa** jew **li ma jgħaddix ilma minnhom** u l-friex f'żoni magħluqa jew mġhottija biex tevita l-kontaminazzjoni.
- Ipprovdi **ilma tax-xorb frisk u nadif** lill-qatgħa tiegħek.



### L-ebda spazju għall-għasafar slavaġġ

- Uża **soqfa sħaħ, ħitan issiġillati u rixtelli bi spazji dojoq** għall-akkomodazzjoni.
- Evita **ċ-ċaqliq tal-għalf bejn qatgħat differenti**, u kun ċert li ma jkun hemm l-ebda ilma qiegħed fir-razzett.
- Ipproteġi l-ispazji fuq barra b'**kompartimenti ta' xbieki jew wajers u tinsieħ tiċċekkja regolarment jekk hemmx toqob jew xquq**. L-apparat li jgerrex jew ibeżgħa jgħin ukoll biex iżomm l-għasafar slavaġġ barra.



### Speċi waħda, spazju wieħed

- speċi differenti ta' tjur—bħat-tiġieġ, il-papri u dundjani—**għandhom jinżammu 'l bogħod minn xulxin** biex jiġi evitat li l-mard jinfirex bejn l-ispeċijiet.



### Agħraf is-sinjali

- Jekk tinnota xi ħaġa mhux tas-soltu dwar il-qatgħa tiegħek – tnaqqis fil-konsum tal-għalf jew tal-ilma, imwiet f'daqqa, jew sinjali oħra ta' mard – **irrapportaha immedjatament** lill-veterinarju tiegħek jew lill-awtoritajiet tas-servizzi veterinarji.
- Aktar ma tieħu azzjoni malajr, aktar ikollok iċ-ċans li twaqqaf it-tixrid serju tal-influwenza tat-tjur u **tipproteġi lilek u rziezett oħra fil-qrib**.

